MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2008

Numru. 94/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**versus**

**Tony Armando Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Tony Armando Zahra ta’ 32 sena iben Freddie Alfred u Elizabeth nee’ Craig imwieled l-Ingilterra nhar il-21 ta’ Lulju 1975 u residenti 404 Triq il-Kbira, Mosta detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 72688 (M).

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar il-11 ta’ Mejju 2008 għall-ħabta ta’ 11.00am gewwa l-Mosta kif ukoll fi granet

ta’ qabel f’ħinijiet differenti u f’diversi postijiet madwar Malta,

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN

292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(c) Akkuzat ukoll talli rrenda ruħu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi ma jistgħux jigu mibdula

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2008.(Fol.24)

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fit-23 ta' Mejju, 2008.

Stante l-ammissjoni ta' l-imputat l-imputazzjonijiet kollha kienu ppruvati skond il-Liġi.
Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat li l-imputat għamel (a) ammissjoni bikrija (b) kif ukoll li huwa heavy drug abuser; (ċ) li kkopera mal-Pulizija (d) li qed isegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis ukoll (a) il-fedina penali ta' l-imputat li diġa' kkummentat fuqha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali; (b) li huwa reċidiv; (ċ) li l-ammont kien fuq erba' grammi u li għalhekk dan mhux xi ammont żgħir; (d) li l-Prosekuzzjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha xhieda ġuramentata dwar it-traffikar imwettaq mill-imputat; (e) li l-imputat wettaq ir-reat fil-mori ta' appell minn sentenza dwar reat ta' drogi liema sentenza kienet ikkonfermata fit-12 ta' Ġunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri).

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li qieset dawn l-elementi kollha kif ukoll l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tikkundannah għal sebgħa u għoxrin xahar priġunerija kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €2800 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa.

Jekk il-multa ma titħallasx kollha kemm hi din għandha tinbidel f'sitt xhur priġunerija skond il-proviso ta' l-artikolu 11(3) tal-Kap 9.

Ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat biex iħallas l-ispejjeż ta' l-esperti **jekk dawn tqabbdu matul xi inkjesta li setgħet saret b'konnessjoni ma' dan il-każ.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------